Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-17 ta' Frar 2011 — Il-Kummissjoni vs Il-Belġju

(Kawża C-321/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2007/2/KE — Politika dwar l-ambjent — Infrastruttura għall-informazzjoni ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) — Skambju u aġġornament ta' data f'format elettroniku — Traspożizzjoni inkompleta"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 11)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, p. 1).

Dispożittiv

1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire), ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-imsemmija direttiva.

2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.